# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Storja

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*

**Applikata: ____**
**Akkademika**: Iva
**Vokazzjonali: _____**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

It-tagħlim tas-suġġett għandu l-għan li jistimula l-interess u l-entużjażmu għall-istudju tal-attività tal-bniedem fil-passat, u jgħaqqadha mal-preżent. L-istudenti jsiru familjari mal-mistoqsija "Kif nafu?" permezz ta' investigazzjoni ta' diversi tipi ta' evidenza primarja u sekondarja u fl-istess ħin jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi edukattivi tul il-ħajja.

**Lista ta' temi studjati:**

50% tat-temi studjati huma fuq l-Istorja Ewropea/Internazzjonali u l-50% l-oħra huma fuq l-istorja ta' Malta, li jikkonsistu minn:

Suġġetti Ewropej u Internazzjonali:
a. Rinaxximent u Riformazzjoni
b. L-Era tal-Esplorazzjoni u l-Kolonizzazzjoni
ċ. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża u l-Era Napoleonika
d. L-Unifikazzjoni tal-Italja u l-Ġermanja
e. Ir-Rivoluzzjoni Industrijali
f. Dak li kkawża l-Ewwel Gwerra Dinjija u t-Trattat tal-Paċi ta' Versailles
ġ. X'wassal lil Hitler fis-setgħa u dak li wassal biex tfaqqa' t-Tieni Gwerra Dinjija
g. Il-Gwerra Bierda u l-Integrazzjoni tal-Ewropa tal-Punent
għ. Il-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant fl-1989 u l-konsegwenzi tagħha

It-temi tal-Istorja ta' Malta
a. Proġetti sinifikanti u kisbiet tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta
b. Problemi għall-Ordni fis-seklu tmintax
ċ. L-invażjoni u l-okkupazzjoni Franċiża f'Malta
d. L-iżvilupp politiku u kostituzzjonali Malti fis-seklu dsatax
e. L-iżvilupp soċjali u ekonomiku tad-dsatax u l-għoxrin seklu f'Malta
f. Malta matul iż-Żewġ Gwerer Dinjija
ġ. L-iżvilupp politiku u kostituzzjonali Malti fis-seklu għoxrin
g. Malta u l-politika barranija tagħha mill-Indipendenza 'l hawn

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

L-osservazzjoni u l-analiżi ta' sorsi primarji u sekondarji viżwali, diġitali u miktuba permezz ta' mapep storiċi, ritratti, pitturi, karikaturi, estratti ta' dokumenti, rapporti, dejta statistika, grafika, vidjows, eċċ;
Xogħol individwali, ma' xulxin jew fi gruppi li jinvolvi l-analiżi tas-sors, l-interpretazzjoni, l-estrapolazzjoni;
Tekniki ta' interrogazzjoni mmirati biex itejbu l-ħsieb storiku; diskussjonijiet fil-klassi; workout worksheets; kitba kreattiva; teħid ta' noti; preżentazzjoni orali; l-istorja kkomunikata.

| |
|---|
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br><br>Qari magħżul minn kotba u materjal ieħor provdut mill-għalliem; riċerka onlajn iggwidata li hija relatata mas-sillabu; worksheets gradati mmirati biex jevalwaw l-għarfien, il-fehim tal-kunċetti u l-ħiliet fis-suġġett; ħiliet ta' kitba kreattiva f'forma ta' sommarji, fact sheets, kitba ta' paragrafi jew esejs, normalment wara li titlesta tema. |
| **Assessjar mogħti:**<br><br>Assessjar formattiv li huwa pprattikat matul il-lezzjonijiet fuq ix-xogħol tal-istudenti fil-klassi.<br>Ix-xogħol tad-dar jiġi diskuss fil-klassi.<br>Assessjar individwali fejn l-għalliem jevalwa x-xogħol magħmul mill-istudenti u tingħata marka jew grad fl-aħħar ta' kull tema koperta. |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br><br>a. L-analiżi ta' sors primarju u sekondarju biex ikunu stabbiliti l-affidabilità, l-oġġettività, il-preġudizzju, l-omissjonijiet, il-perspettiva, l-interpretazzjoni;<br>b. Il-fehim u l-interpretazzjoni ta' data f'listi storiċi;<br>ċ. L-iżvilupp u l-fehim t'għarfien tal-kronoloġija storika u s-sekwenzar;<br>d. Żvilupp t'għarfien dwar il-bidla u l-kontinwità tul iż-żmien;<br>e. Il-fehim tal-konnessjonijiet bejn il-motivi, il-kawża u l-effett meta jkunu qed jiġu analizzati avvenimenti storiċi sinifikanti;<br>f. L-identifikazzjoni tas-similaritajiet u d-differenzi bejn il-perjodi differenti fl-istorja;<br>ġ. L-integrazzjoni tal-istorja ta' Malta f'kuntest usa' internazzjonali. |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br><br>a. livell adegwat ta' qari u kitba bil-Malti u bl-Ingliż;<br>b. kunfidenza biex tesprimi ruħek oralment jew bil-miktub meta tikkomunika l-istorja;<br>ċ. ħiliet bażiċi ta' riċerka mill-kotba u l-Internet;<br>d. organizzazzjoni u ħiliet ta' preżentazzjoni fit-tfassil ta' proġetti diġitali jew stampati. |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Raymond Spiteri |
| **Indirizz elettroniku**: raymond.spiteri@ilearn.edu.mt |